# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 26 ta' Frar 2018**

**Rikors Numru : 939/2015 JPG**
**Kawza Numru : 1**

**Casapinta Desgin Group Limited (C-9216)**

**VS**

**Direttur Generali tal-Kuntratti u Malta Tourism Authority, jew min minnhom**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Casapinta Desgin Group Limited (C-9216), datat 5 t'Ottubru 2015, a fol 1, et seqq, li jaqra hekk:

*1. Illi fil-5 ta' Novembru 2013 giet ippubblikata da parti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, sejha ghal e-tender, senjatament Service Tender Ref: CT 2027/2013 – Design &*

*Construction of Stands at the International Travel & Tourism Fairs Under Framework Contract, ikkuntrattata mill-Malta Tourism Authority in konnessjoni mal-promozzjoni tal-Maltese Tourism Product, fost oggettivi ohra, kif jirrisulta mill-anness Dokument mmarkat Dok CDG1.*

*2. Illi ghal din is-sejha ta' tender ikkonkorrew tlett kompetituri, senjatament, is-socjeta' rikorrenti, Big Exhibits, kif ukoll C. Laisides Exhibitionwise Ltd.*

*3. Illi l-Financial Bid tas-socjeta' Casapinta Design Group Ltd kien ta' €718,988.70; dik ta' Big Exhibits kienet ta' €709,217.76; filwaqt li dik ta' C. Laisides Exhibitionwise Ltd. kienet ta' €755,790, kif jirrisulta mid-Dokument anness u mmarkat Dok CGD2.*

*4. Illi it-tender in kwistjoni inghata lil Big Exhibits, illi kellha l-aktar prezz favorevoli, u cioe', ta' €9770.94 inqas mill-offerta tas-socjeta' attrici.*

*5. Illi xi zmien wara, s-socjeta' attrici giet a konoxxjenza tal-fatt illi Big Exhibits ssottomettiet offerta illi marret kontra dak rikjest fis-sejha ghat-tender de quo u kwindi ma kellhiex tinghata t-tender in kwistjoni minhabba illi li ma lahqitx il-kriterji mitluba.*

*6. Illi kif ser jirrisulta waqt is-smiegh tal-kawza, Big Exhibits inter alia, ssottomettiet offerta bid-dizinnji illi ma kenux konformi mar-rekwiziti tas-sejha elenkati da parti tal-konvenuti, b'dan illi Big Exhibits kellha tigi skwalifikata ab initio; stante illi ma setghetx titqies li kienet technically compliant.*

*7. Illi minflok ma giet skwalifikata a bazi ta' nuqqasijiet teknici, ghal ragunijiet mhux maghrufa u mhux gustifikabbli, Big Exhibits inghatat it-tender in kwistjoni kif intqal. Inoltre jirrisulta illi f'diversi fieri internazzjonali l-istess Big Exhibits ezegwiet ix-xogholijiet lilha kkuntrattati bi ksur lampanti tal-kundizzjonijiet elenkati fit-tender.*

*8. Illi l-konvenuti jew minn minnhom qatt ma kellhom jaslu ghall-konkluzjoni illi jaghzlu li jaghtu t-tender in kwistjoni lil Big Exhibits minhabba r-ragunijiet imsemmija; u bhala konsegwenza ta' tali decizjoni zbaljata u irregolari s-socjeta' attrici, giet mcahhda milli tirbah it-tender kif del resto kien jispettaha, u kwindi soffriet danni konsiderevoli, konsistenti inter alia f'telf ta' kummissjoni u profitti.*

*9. Illi minkejja nterpellati diversi drabi sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni bonarja in línea ta' danni sofferti, il-konvenuti baqghu inadempjenti.*

*10. Illi ghalhekk kellha ssir il-kawza. B'riserva ghal talba ta' danni ulterjuri talvolta jigu sofferti mill-mittenti.*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, m'ghandhiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:*

*1. Tiddikjara illi l-ghoti tat-tender in kwistjoni sar b'mod zbaljat u irregolari minhabba illi inghata lil konkorrent offerenti illi ma kienx technically compliant, u kwindi kellu jigi skwalifikat; konsegwentement, l-imsemmi tender CT 2027/2013 kellu jinghata lis-socjeta' rikorrenti, kif intqal fuq;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti da parti tas-socjeta' rikorrenti bhala konsegwenza tal-ghoti tat-tender lil ditta/socjeta' offerenti illi qatt ma kienet technically compliant sabiex tikkonkorri u tinghata l-imsemmi tender;*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom sabiex jhallsu lis-socjeta' rikorrenti dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni minnha sofferti, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*

*Bl-ispejjes u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali numru: 128/2015, datata 16 ta' Jannar 2015 sal-jum tal-effettiv pagament kontra l- konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il- ligi.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Generali tal- Kuntratti u tal- Malta Tourism Authority, datata 7 ta' Novembru, 2015, a fol 95 et seqq, li jaqra hekk:

*1. Illi fl-ewwel lok ladarba fl-ewwel talba tagħha l-kumpannija rikorrenti qegħda tallega li s-soċjetà Big Exhibits ma tefgħetx offerta li kienet tħares il-ħtiġijiet tekniċi msemmija fis-sejħa għall-offerta, allura huwa bix-xieraq li din is-soċjetà tiġi msejħa fil-kawża skont l-**artikolu 961 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex hija tkun tista' twieġeb dwar din ix-xilja;*

*2. Illi in limine litis ukoll din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-kompetenza bil-liġi li tistħarreġ is-siwi u l-konformità ta' offerta sottomessa minn xi oblatur ekonomiku f'sejħa għall-offerti. Skont ir-**regolament 85(1)(ċ) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Leġislazzjoni Sussidjarja 174.04)** ilmenti ta' din il-bixra dwar deċiżjonijiet fuq għotjiet ta' kuntratti pubbliċi jaqgħu fir-responsabbilità tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi u d-deċiżjonijiet ta' dan il-Bord huma suġġetti għall-jedd tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell kif jissemma fir-**regolament 85 (5)** tal-istess regolamenti;*

*3. Illi anke fejn jikkonċerna t-tieni u t-tielet talba dwar id-danni huwa l-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi u mhux din l-Onorabbli Qorti li huwa l-forum responsabbli bil-liġi biex jiddeċiedi jekk dawn humiex dovuti jew le u dan kif insibu provdut fir-**regolament 85(2)(ċ) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi**;*

*4. Illi f'kull każ, l-esponenti qegħdin jistiednu lill-kumpannija rikorrenti sabiex tindika liema huwa dak l-artikolu speċifiku tal-liġi li jagħtihom id-dritt li jmorru direttament quddiem din l-Onorabbli Qorti u b'hekk ma jimxux mar-**Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi**. F'dan ir-rigward, l-esponenti qegħdin jirriżervaw id-dritt tagħhom li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri wara li l-kumpannija rikorrenti tindika s-sisien legali li fil-fehma tagħha jagħti kompetenza oriġinali lil din l-Onorabbli Qorti;*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, jekk l-azzjoni tal-kumpannija rikorrenti hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, allura din ma tistax titressaq 'il quddiem skont l-**artikolu 469A(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ladarba hija setgħet tikseb rimedju quddiem il-Bord ta' Reviżjoni Dwar il-Kuntratti Pubbliċi;*

*6. Illi ulterjorment l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, kif mibnija fuq l-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** ma tistax tissokta minħabba li din ma ġietx ippreżentata fi*

*żmien sitt xhur minn meta ttieħdet id-deċiżjoni li l-kuntratt jingħata lil Big Exhibits, u dan bi ksur tal-**artikolu 469A(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

*7. Illi dejjem mingħajr ħsara għal dak li ntqal sa issa, it-talbiet rikorrenti mhumiex mistħoqqha għaliex bħala stat ta' fatt dak li offriet is-soċjetà Big Exhibits fis-sottomissjoni tal-offerta tagħha kien jikkorrispondi ma' dak li kien qiegħed jintalab fid-dokument tas-sejħa;*

*8. Illi l-kumpannija rikorrenti lanqas ma tista' tilmenta dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt pubbliku bejn is-soċjetà Big Exhibits u l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta għaliex ir-relazzjoni kuntrattwali ta' bejniethom hija res inter alios acta għaliha;*

*9. Illi dejjem bla ħsara għall-premess dwar it-tieni u t-tielet talba rikorrenti huwa sew magħruf fil-qasam tar-riżarċiment tad-danni li l-kumpannija rikorrenti trid tipprova rabta ta' kawżalità bejn l-aġir tal-intimati u d-danni sofferti. F'dan il-każ il-kumpannija rikorrenti ma tistax tipprova li ġarrbet danni materjali u konkreti għaliex id-danni pretiżi minnha huma sempliċement spekulattivi u ipotetiċi;*

*10. Illi dejjem mingħajr ebda ħsara għal dak fuq imsemmi, l-intimati ma jistgħux jirrispondu għad-danni għaliex fl-għemil tagħhom huma dejjem aġixxew in bwona fede. Ma hemmx dubbju li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda rapport kuntrattwali bejn il-partijiet kontendenti. Kulma kien hemm huwa offerta min-naħa tal-kumpannija rikorrenti biex tikseb kuntratt pubbliku. Issa kif inhu magħruf fil-ġurisprudenza tagħna sabiex wieħed jista' jitlob danni imnissla minn responsabbiltà prekuntrattwali, dak li jkun irid jipprova li l-aġir ta' min waqqaf it-trattativi kien immexxi minn dolo. F'dan il-każ ħadd mill-intimati ma kellu dan il-ħsieb doluż meta ma tawx il-kuntratt lill-kumpannija rikorrenti. Għalhekk fl-assenza tad-dolo ebda danni ma huma dovuti;*

*11. Illi f'kull każ fl-istadju prekuntrattwali skont il-ġurisprudenza Maltija, il-kumpannija rikorrenti tista' titlob biss li titħallas għat-telf attwali u mhux ukoll kumpens minħabba telf ta' qliegħ. Għalhekk hija ma tistax tippretendi skont it-tmien premessa li tiġi mħallsa kumpens fuq il-valur tal-kuntratt relattiv għas-sejħa għall-offerti;*

*12. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-kumpanija rikorrenti inġunta minn issa għas-*subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet rigward l-eccezzjonijiet preliminari.

**Ikkonsidrat:**

**Tonio Casapinta** xehed a fol 99 a *et seqq* illi huwa c-Chairman tas-socjeta rikorrenti li hija kuntrattur tal-fieri, kemm lokalment u kif ukoll fl-esteru. Rigward it-*tender* in kwistjoni spjega illi dan kien jikkonsisti f'cirka hamsa u erbghin (45) fiera li l-MTA tiehu sehem fihom internazzjonalment, minn Novembru sa Mejju, l-iskop ta' liema huwa li Malta tigi promossa fuq is-suq tat-turizmu. Qal li kien hemm tliet kontendenti, u cioe s-socjeta rikorrenti, Big Exhibits u kumpanija Ciprijotta. Qal ukoll illi Big Exhibits kellha l-iktar *tender* irhis, cioe' €9,000 aktar irhis minn dak offrut mis-socjeta rikorrenti. Xehed li s-socjeta rikorrenti kienet tilfet it-*tender* u mill-ewwel kienet baghtet email fejn talbet informazzjoni rigward ir-raguni ghalfejn kienet tilfet, peress illi l-unika raguni li kellhom sa dakinhar kienet illi kienu tilfu ghaliex kien hemm konkorrent bi prezz irhas. Kien gie ikkonfermat lilhom li bhala *compliance* kellhom kollox in regola, u l-unika kwistjoni kienet il-prezz. Qal illi ghalihom, li ghandhom esperjenza ta' circa 20 sena f'dan is-settur u huma kuntratturi stabbiliti mal-MTA, hija xi haga impossibli illi *tender* ta' dan it-tip jintilef ghal €9,000. Ghalhekk f'Novembru kien mar Londra biex jispezzjona l-fiera imtella minn Big Exhibits, li kienet rebhet it-*tender*. Spjega li kien irrizultalu diversi diskrepanzi kbar fl-ispecifikazzjonijiet li kienet talbet l-MTA ghal dak li hu kien ra fuq is-sit. Zied jghid illi dawn id-diskrepanzi ma kienux ristretti ghal din il-fiera izda kienu evidenti ukoll mid-diversi ritratti li kienu gew *uploaded* fuq Facebook minn Big Exhibits. Qal li ghalhekk, kif gie lura mill-Ingilterra, kien organizza laqgha mal-MTA, fejn ir-rapprezentanti tal-MTA kienu qalulu illi kienu ser jistudjaw il-kaz, izda qatt ma hadu risposta dwar x'irrizulta minn dan kollu. Zied li eventwalment kienet saret laqgha ohra minghajr avukati, fejn Anthony Cachia kien qallu illi t-*tender* ma jistghux iwaqqfuh, izda setghu johorgu *tender* iehor, u kien talbu biex jibaghtlu lista ta' ilmenti, liema lista giet

mibghuta fl-24 ta' Frar 2015 (Dok TC8). Qal li imbaghad kienet ircievew email fid-19 ta' Marzu 2015 illi l-MTA kienet lesta li tippubblika *tender* gdid kif kien gie diskuss, **izda ma kienetx lesta tiehu passi rigward il-operat ta' Big Exhibits** (vide fol 99E), il-kuntratt ta' liema kien ser jiskadi fi ftit zmien. Qal li pero sussegwentement saru jafu illi l-kuntratt ta' Big Exhibits gie mgedded xorta wahda.

**In kontro-ezami** xehed a fol 123 *et seqq* illi d-differenza ta' €9,000 bejn it-*tender* taghhom u ta' Big Exhibits kienet turi li kien hemm xi haga hazina, ghaliex bil-prezz li kellhom huma kien impossibli li ma jirbhux it-*tender*. Xehed li ma kienux ghamlu oggezzjoni wara l-process ta' agudikazzjoni ghaliex kienu jafu li ma kellhomx cans peress illi Big Exhibits kellhom l-orhas offerta, u ma kienux jafu x'kien il-kontenut tat-*tender* taghhom. **Xehed illi hu ma kienx ra l-offerta ta' Big Exhibits u ghalhekk ma jistghax jghid jekk id-diskrepanzi li ra kienux inadempjenza, jew kienux frott tal-fatt li l-MTA aggudikat hazin.**

**Frank Agius,** Senior Manager fid-Dipartiment tal-Kuntratti, xehed permezz ta' affidavit a fol 131 illi s-sejha ghall-offerti in kwistjoni giet aggudikata skont il-kriterju MEAT li johrog mill-artikolu 9 tas-sejha ghall-oferti. Spjega illi s-socjeta rikorrenti kienet giet informata permezz ta' email datat 4 ta' Lulju 2014 li s-sejha ghall-offerti kienet intrebhet minn Big Exhibits u li setghu jappellaw kontra din id-decizjoni quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici, pero s-socjeta rikorrenti qatt ma pprezentat appell. Kompla illi fid-29 ta' Dicembru 2014 is-socjeta rikorrenti kienet baghtet ittra mid-Direttur tal-Kuntratti tramite il-konsulent legali taghha fejn ilmentat bil-mod ta' liema Big Exhibits kienet qed twettaq il-kuntratt. Qal illi dan l-ilment seta' jittiehed quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici, li setghat tintalab sabiex tiddikjara li l-kuntratt kien wiehed ineffettiv u anke jitlob hlas ghad-danni, pero s-socjeta rikorrenti qatt ma pprezentat tali talba.

**Patrick Attard**, Procurement Manager mal-MTA, xehed permezz ta' affidavit a fol 143 illi l-kontendenti kollha f'din is-sejha ghall-offerti gew meqjusa bhala *technically compliant,* pero Big Exhibits, li kellha l-irhas offerta, irnexxila tikseb aktar punti mill-

ohrajn u ghalhekk kienet giet rakkomandata biex tinghata l-kuntratt mill-kumitat tal-evalwazzjoni. Spjega illi l-evalwazzjoni tat-*tender* kienet ibbazata fuq MEAT, u cioe '*Most Economically Advantageous Offer'* u l-aspett tekniku kellu 60 punt, filwaqt li l-aspett finanzjarju kellu 40 punt. Qal illi l-manager ta' dan it-*tender* kien id-Dipartiment tal-Kuntratti u mhux l-MTA. Qal ukoll illi l-kuntratt mal-kontendent rebbieh gie ffirmat fis-22 ta' Awissu 2014, wara li kien skada l-perjodu tal-appelli, f'liema zmien ma kien dahal l-ebda appell mis-socjeta rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

L-intimati eccepew preliminarjament illi din il-Qorti m'hijiex kompetenti sabiex tisma' u tiddetermina din il-kawza peress illi ilmenti ta' din in-natura ghandhom jistemu' mill-Bord ta' Revizjoni tal-Kuntratti Pubblici skont il-Legislazzjoni Sussidjarja 174.04.

Il-Qorti rat illi skont ir-regolament 85 (1) (b) u (c), il-Bord ta' Revizjoni tal-Kuntratti Pubblici ghandu s-setgha illi jindirizza

**"*ilmenti li jsiru skond ir-regolament 21 u l-procedura stabbilita f'dak ir-regolament minn offerenti u kandidati involuti wara li ssir il-pubblikazzjoni minn awtorità kontraenti ta' avviz li jkollu x'jaqsam mal-ghoti ta' kuntratt*" u**

**"*ilmenti li jsiru minn offerenti jew kandidati involuti dwar xi decizjoni fuq l-ghoti ta' kuntratt jew it-thassir ta' kuntratt.*"**

Il-Qorti tqis illi ghalhekk huwa minnu dak li jecepixxi l-intimati fis-sens illi huwa l-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici li ghandu l-kompetenza jisma' l-ilment tas-socjeta rikorrenti, kieku l-ilment tas-socjeta rikorrenti kien strettament dwar l-oghti tal-kuntratt. Il-Qorti rat illi s-socjeta rikorrenti qed targumenta pero illi hija ma setghatx tressaq dan l-ilment taghha quddiem il-Bord peress illi kien irrizultalha illi s-socjeta Big Exhibits ma kienetx qed tesegiwixxi l-kuntratt mirbuh minnha kif suppost skont is-sejha ghal offerti biss **wara li** kien **skada** z-zmien moghti mir-regolamenti sabiex tressaq l-ilment taghha quddiem il-Bord. Il-Qorti rat ukoll illi filfatt is-socjeta rikorrenti kienet ressqet l-ilment taghha lil MTA, li kienet indagat il-kwistjoni u kienet baghtet

korrispondenza elettronika lis-socjeta rikorrenti, permezz ta' liema, informatha illi s-socjeta rikorrenti kienet qed tigi moghtija r-rimedju illi l-MTA ma ggedditx il-kuntratt ta' Big Exhibits u minflok terga tohrog is-sejha ghal offerti, haga li filfatt qatt ma grat. Il-Qorti tqis ghalhekk illi ma jirrizultax illi s-socjeta rikorrenti setghat tressaq l-ilment taghha quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici, il-ghaliex fit-terminu qasir moghti lilha biex tappella quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici is-socjeta' rikorrenti ma kellhiex access ghall-offerta ta' Big Exhibits u ghalhekk ma setghatx tezamina jekk id-diskrepanzi kienux frott l-inadempenzja ta' Big Exhibits jew frott l-aggudikazzjoni hazina ta' MTA.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Ikkonisdrat;**

L-intimati eccepew ukoll illi s-socjeta rikorrenti ghandha tindika ezattament fuq liema artikolu tal-ligi qed tavvanza l-pretensjoni taghha, u rriservaw li jressqu eccezzjonijiet ultejuri jekk ikun il-kaz, filwaqt illi ressqu eccezzjonijiet preliminari fil-kaz illi l-azzjoni mressqa mis-socjeta rikorrenti hija dik ta' stharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tiddikjara *obiter* illi l-fatt li l-MTA zammet lis-socjeta rikorrenti mdendla ghal tul ta' zmien bil-wieghda illi kienet ser toffri soluzzjoni ghall-ilment taghha, billi li kienet ser tirrifjuta t-tigdied tal-kuntratt ta' Big Exhibits u minflok terga tohrog sejha ohra; u il-fatt li sussegwentement informat lis-socjeta rikorrenti li kienet iddeciedet li ggedded il-kuntratt ta' Big Exhibits, ma jikkostitwixxi it-tip ta' mgieba li l-Awtoritajiet Amministrattivi huma mistennija li jaddotaw fl-azzjonijiet u d-decizjonijiet taghhom. Huwa wkoll ta' thassib illi meta s-socjeta rikorrenti resqet l-ilment taghha rigward l-esekuzzjoni tal-kuntratt minn Big Exhibits, l-MTA ghazlet illi tmexxi kollox b'mod informali, b'korrispondenza u laqghat nformali u privati li nzammu esklussivament mas-socjeta rikorrenti b'eskluzjoni kompleta ta' Big Exhibits, u anke fl-assenza tal-avukati tas-socjeta rikorrenti, minflok ma nsistiet li kollox isir permezz ta' korrispondenza u laqghat formali. Il-proceduri tal-akkwist pubbliku huma ntizi proprju sabiex jinspiraw fiducja tal-pubbliku li l-oghti ta' kuntratti pubblici u l-amministrazzjoni tal-finanzi pubblici jsir b'mod korrett, gust, u trasparenti. L-agir tal-awtoratjiet pubblici involuti

f'dan il-kaz pero jwassal proprju ghal oppost ta' dan. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **B. Grima & Sons Limited vs Transport Malta et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Awissu 2014, ghalkemm mhux ezattament fuq l-istess punt, izda xorta wahda relevanti fir-rigward tal-principju tat-trasparenza u d-dettami tal-gustizza naturali li ghadhom jigu osservati mill-awtoritajiet pubblici fl-azzjonijiet u d-decizjonijiet taghhom,

> "***…biex tinżamm l-ugwaljanza bejn il-partijiet,*** **[l-investigazzjoni]** ***għandha tkun disponibbli għall-partijiet qabel id-deċiżjoni, għax korp ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju ma għandux isejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq fatti li ma jkunux ġew mgħarrfa lill-partijiet qabel id-deċiżjoni, sabiex ikollhom opportunità illi jikkontrollawhom u jikkummentaw fuqhom.***"

Il-Qorti rat illi fis-sottomissjonijiet taghha, s-socjeta rikorrenti nsistiet illi din ma kienitx azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv, izda azzjoni generika ghad-danni ai termini tal-ligi ordinarja taht il-Kodici Civili. Il-Qorti rat ukoll illi s-sentenza citata mis-socjeta rikorrenti fl-ismijiet **Ragonesi & Company et noe vs Korporazzjoni Enemalta et** giet sewwasew rovvexxata kif indikat mill-intimati mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru 2017 fejn intqal illi:

> "***Jekk wiehed jara l-agir li tilmenta minnu s-socjeta attrici appellata, dan jirrelata mal-process ta' public procurement adoperat miz-zewg konvenuti appellanti sabiex wettqu l-ghazla taghhom. Isegwi li l-agir ilmentat minnha huwa marbut sew mar-responsabbiltajiet taghhom, bhala parti mill-process shih ghall-iskrutinju tal-offerti u l-oghti ta' kuntratt pubbliku li min-natura tieghu huwa intrinsikament ta' natura amministrattiva. Isegwi*** **[…]** ***li huwa al kwantu ovvju li proprju l-provvediment specjali taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Ma ta ghandu jirregola din il-vertenza u mhux il-ligi ordinarja taht il-Kodici Civili. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, tal-31 ta' Mejju 2002 fil-kawza fl-ismijiet Roberto Zamboni noe. v. Id-Direttur tal-Kuntratti et).***"

Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-ragunament u tqis ghalhekk illi s-socjeta rikorrenti intavolat din il-kawza b'mod inkorrett, peress illi l-agir ilmentat minnha huwa ta' natura amministrattiva u ghalhekk m'huwiex regolat bil-ligi ordinarja tad-danni, izda proprju bl-

Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; liema artikolu jipprospetta terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur (6). Dan t-terminu skada qabel ma giet intavolata din l-kawza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tichad it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimati, tilqa' s-sitt eccezzjoni tal-intimati u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-intimati.

Bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**